

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Fidelity National Information Services, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 252, 28.6.2021.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-4 ta' Mejju 2022 – Bodegas Beronia vs EUIPO – Bodegas Carlos Serres  
(ALEGRA DE BERONIA)**

(Kawża T-298/21) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ALEGRA DE BERONIA – Trade mark verbali nazzjonali preċedenti ALEGRO – Raġuni relativa għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2022/C 257/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Bodegas Beronia, SA (Ollauri, Spanja) (rappreżentant: J. Mora Cortés, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Raponi u J. Ivanauskas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Bodegas Carlos Serres, SL (Haro, Spanja) (rappreżentanti: F. Pérez Álvarez u J. Pérez Itarte, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Marzu 2021 (Każ R 2013/2020-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Bodegas Carlos Serres u Bodegas Beronia.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-12 ta' Marzu 2021 (Każ R 2013/2020-1) hija annullata.
- 2) L-EUIPO għandu jibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn Bodegas Beronia, SA, inkluż nofs l-ispejjeż indispensabbi sostnuti minnha għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.
- 3) Bodegas Carlos Serres, SL, għandha tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn Bodegas Beronia, inkluż nofs l-ispejjeż indispensabbi sostnuti minnha għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

(<sup>1</sup>) ĠU C 278, 12.7.2021.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2022 – Usmanov vs Il-Kunsill**

(Kawża T-237/22)

(2022/C 257/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Alisher Usmanov (Tachkent, l-Użbekistan) (rappreżentant: J. Grand d'Esnon, avukat)